# L-Għana u l-Istumenti





Miktuba minn :

Maria Emma Law

Skola Santa Monika ,

Gżira

# L-Għana

- L-Għana hu l-mużika tradizzjonali ta' Malta.
- L-Għana minn dejjem kien ikkunsidrat bħala l-mużika tan-nies komuni, tal-bdiewa, tar-raħħala u tan-nisa tad-dar.
- Fi żminijiet tal-imgħoddi, l-għana kien jiġi kantat mir-raħħala u ħaddiema komuni, kif ukoll minn nisa li jkunu qed jagħmlu l-faċendi ta' kuljum bħall-ħasil u l-inxir tal-ħwejjeġ.
- Jeżistu ħafna tipi ta' għana differenti u kollha għandhom il-karatteristiċi partikolari tagħhom. Fost dawn insibu l-għana spirtu pront, l-għana fil-għoli (la Bormliża) u l-għana tal-fatt .
- Ilum il-ġurnata l-kitarra saret l-iktar strument użat fl-għana, għalkemm ta' min jgħid li qabel kienu jintużaw wkoll strumenti oħra, fosthom iż-żaqq, iż-żafżafa, it-tanbur, l-argunett, iż-żummara, il-flejguta/il-flejbuta kif ukoll il-kunċertina.

# L-Istrumenti



# IŻ-ŻAFŻAFA



- Wieħed mill-istrumenti tradizzjonali tal-Maltin huwa magħruf bħala r-rabbbaba jew iż-żafżafa.
- L-istrument huwa magħmul minn reċipjent li jista' jkun xi qasrija tal-fuħħar, jew xi landa taż-żebgħa, ġilda ta' annimal u qasba.
- Id-daqqaq jogħrok il-qasba b'idejh imxarrba jew b'xi sponza.
- Illum ir-rabbbaba għadha tindaqq fil-karnival ma' strumenti oħra.

# IT-TANBUR



- It-tanbur huwa magħmul minn qafas tond tal-injam jew tal-ħadid li jkollu biċċa ġilda stirata u marbuta fuq in-naħa ta’ wara biss. Il-biċċa l-kbira tintuża ġilda ta' bodbod.
- Fil-qafas jinqatgħu xi twieqi żgħar u jiddaħħlu u jintrabtu żewġ plattini tal-landa f'kull waħda.
- Ċirku ieħor tal-injam, inqas għoli, jissammar fuq il-qafas fit-tarf ta' fuq biex b'hekk iżomm il-ġilda stirata f'postha.
- Fuq in-naħa ta' wara tat-tanbur ġieli jiddendlu ġnieġel, jew iżjed plattini.
- F'Għawdex dan it-tanbur isejħulu tamburlin.



# GRAZZI TAL-ATTENZJONI !